# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **2** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 11 ta' April 2013 fil-6.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard (daħlet għal-laqgħa fis-6.41pm) |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri (daħal għal-laqgħa fis-6.35pm)<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar (daħal għal-laqgha fis-6.35pm) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |


Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech


### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 1.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Responsabiltajiet lill-Kunsilliera.
6. Aġġudikazzjoni ta' Tender u Kwotazzjoni
   a) KLM 2013/01 Service Tender for Project Manager Measure 313 Leisure Park in Rural San Tumas
   b) MLC 02/2013 Cleaning of Council Premises and Other Premises.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 1(1) tal-4 ta' April 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

- ***Il-Kunsilliera s-Sur John B. Camilleri u s-Sur Charlot Cassar daħlu għall-laqgħa fis-6.35p.m u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard daħlet għall-laqgħa fis-6.41p.m.***

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet.**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

Ma kien hemm l-ebda punt.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Talba għar-reduced hours mill-Assistent Prinċipal is-Sinjura Claudine Fenech (35/0904/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera, illi s-Sinjura Claudine Fenech qed titlob sabiex taqa bir-*reduced hours* u tibda taħdem 18 il-siegħa fil-ġimgħa. Huwa spjega illi s-Sinjura Fenech ser tibda taħdem darbtejn fil-ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif ser taħdem fis-sajf peress illi l-impjegati *full time* jkunu ħadmu għan-nofs ta' nhari fix-xitwa.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi s-Sinjura Fenech ser taħdem 18 il-siegħa s-sena kollha, huwa kompla jgħid kif fil-fatt taħdem l-impjegata s-Sinjura Claire Attard.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk hux possibbli illi ix-xogħol issa jinqasam bejn tnejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għakemm hu jifhem illi x-xogħol issa ser jinqasam fuq żewġ impjegati din mhux ser tkun problema u l-livell tax-xogħol ser jibqa jingħata l-istess.

Il-Kunsill qabel unaninament illi t-talba tas-Sinjura Claudine Fenech tiġi milqugħa.

3.2 **High tide at Marsaskala – damage to vehicles (35/0946/13/I):**

Is-Sindku qal illi is-Sinjura Eve Russell qed tilmenta illi meta Marsaskala kien ħakima l-maltemp u l-baħar kien telgħa fuq l-art, saħansitra wasal sal-*Country Style*, hija kienet għaddejja bil-karozza tagħha minn Triq ix-Xatt u qed issostni illi l-Kunsill għandu jagħmel tabelli u sinjali biex min ikun qed isuq ikun avżat.

Is-Sindku qal illi dan kien fenominu naturali u ħadd ma seta jipprevjeni x'kien ser jiġri. Huwa kompla jgħid illi madwar ħmistax ilhu huwa kien tkellem mat-TM u ressaq l-ilment tagħna illi hemm bżonn illi minn Pjazza Dun Tarċis Aguis tgħola t-triq minħabba din il-problema. Huwa kompla jgħid illi dan huwa proġett li għandu jsir mill-Gvern Ċentrali peress li dan il-proġett jiswa ħafna flus u żgur illi l-Kunsill ma għandux biżżejjed fondi. Dan japplika wkoll Pjazza Mifsud Bonnici

Huwa kompla jgħid illi fil-limitazzjoni tiegħu l-Kunsill kien għamel dak li seta sabiex jnaqqas ftit mill-problema illi l-ilma baħar jitla fuq l-art.

Il-Kunsill ma jaqbilx illi jsiru t-tabelli u ser isiru iktar diskussjonijiet mal-Gvern Ċentrali sabiex tissolva din il-problema.

3.3 **Arbli fil-grawnd tal-iskola (35/1091/13/I):**

Is-Sindku qal illi fil-grawnd tal-iskola hemm arbli tad-dawl li qedgħin perikolużi.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi dawk mhumiex arbli tad-dawl imma *poles* sabiex jżommu il-*fencing* u qabdu magħhom ir-*reflectors*.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol huwa tal-MFA u meta taqqab il-ħofor ta' dawn il-*poles* ma kienx ħaffer biżżejjed l-isfel u għaldaqstant meta jkun il-maltemp dawn il-*poles* jiġu bħal qugħ. Huwa żied jgħid illi għalkemm kien tħallas mill-iskola, huwa flimkien mal-Perit tal-Kunsill kienu marru fuq il-post u l-Perit kien qallu illi dawn il-*poles* suppost rabathom bil-ventijiet. Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri kompla jgħid illi huwa kien informa lis-Surmast bil-parir li ngħata mill-Perit tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi għandna nerġu ngħidu lis-Surmast u biex forsi ntaffuhlom ftit mill-ispejjeż nixtrulhom il-materjal aħna u l-iskola tħallas għax-xogħolijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk il-Kunsill ser ikun parteċipi fiha irridu noqogħdu attenti illi ma nkunux responsabbli għal-perikli li jistgħu jinqalgħu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi jekk mhux ser jiġu ssudati l-bażi inutli illi jsiru l-ventijiet.

Is-Sindku qal illi l-importanti huwa li qabel ma ssir xi ħaġa għandna nieħdu l-parir tal-Perit.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jekk il-kuntrattur ma għamilx ix-xogħol kif suppost allura l-kuntrattur għandu jirranġa x-xogħol ħażin li għamel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-grawnd ma jaqax taħt ir-responsabilta` tal-Kunsill imma tal-Iskola u għaldaqstant hija r-responsabbilta` tal-Iskola illi jaraw li min ħadem fil-grawnd kien għamel ix-xogħol kif suppost.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi fil-frattemp li tittieħed deċiżjoni għandu jitneħħa l-periklu tad-dawl.

Il-Kunsill qabel unanimament illi peress li l-grawnd huwa responsabilta` tal-iskola, allura għanda ninfurmaw lis-Surmast sabiex huma jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-kuntrattur responsabbli u ninfurmaw ukoll lill-ex Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett.

Is-Sindku qal ukoll illi peress li l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ser ikun responsabbli mill-edukazzjoni allura għandu jkompli jsegwi din il-kwistjoni u jiltaqa wkoll mas-surmast ta' l-iskola.

3.4 **Tribunal ta' reviżjoni ta' l-ambjent u l-ippjanar rigward il-fishfarms (35/1064/13/I):**

Is-Sindku qal illi għalkemm il-Kunsill kien għamel appell fuq il-*fishfarms*, dan l-appell ġie miċħud u ma jistax jerġa jsir appell ieħor. Huwa kompla jgħid illi huwa mportanti illi jekk wieħed jara xi ħmieġ fil-baħar allura għandna nirrapurtaw lill-awtoritajiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għalkemm qed jsiru t-testijiet tal-ilma baħar mhux qed jsiru it-testijiet tal-qiegħ tal-baħar. Huwa kompla jisħaq li dan għandu jsir u aħna għandna jkollna *feedback* mil-awtoritajiet dwar dawn ir-rapporti.

3.5 **Parkeġġ riservat għar-residenti fi Triq tal-Buttar u l-bidu ta' Triq Sant'Antnin (35/1020/13/O):**

Is-Sindku qal illi s-Sur Salerno qed jitlob illi l-parkeġġ ta' quddiem il-bini fi Triq tal-Buttar u fi Triq Sant'Antnin minn Triq tal-Buttar sa Triq id-Dugħ għandu jiġi riservat għar-residenti minħabba il-problema ta' parkeġġ li għandhom. Dawn il-parkeġġi għandhom ikollom kulur differenti biex vettura waħda biss minn kull familja tkun ipprivileġġjata li tipparkja hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament illi parkeġġ riservat ma jistax jsir għaliex il-problema tal-parkeġġ qiegħda ma' Marsaskala kollha u wieħed ma jistax jiffavorixxi parti u mhux oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi aħna konna tlabna għad-devoluzzjoni tal-art li hemm fi Triq Lorry Sant. Huwa qal li għalkemm hemm diġa jipparkjaw il-karozzi, jekk tigi devoluta lilna u aħna nirrenġawa żgur li jkun hemm parkeġġ disponibbli.

Il-Kunsill qabel unanimament illi it-talba tas-Sur Salerno ma tistax tiġi milqugħa u għandna nerġu niktbu lid-Dipartiment tal-Artijiet minħabba d-devoluzzjoni tal-art fi Triq Lorry Sant.

3.6 **<u>Art fi Triq Salvu Buhagair quddiem il-Littles Supermarket:</u>**

Is-Sur Lawrence Ciantar qal li r-residenti ta' dawn l-akwati staqsuh meta ser jittella ċ-ċint peress li l-Kunsill kien bagħat ittra fejn kien qed jinfurmhom illi ċ-ċint ser jittella u ppreżenta kopja ta' l-ittra fuq il-mejda.

Is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill kien irnexxielu jiskopri wieħed mis-sidien ta' din l-art, fejn kien talbu sabiex jtella ċ-ċint u hu min-naħa tiegħu kien wiegħed il-Kunsill illi iċ-ċint kien ser jtellgħu, pero` mbagħad kienet inqalet problema bid-drenaġġ l-bini taċ-ċint qatt ma kien beda.

Is-Sindku qal ukoll illi aħna nfurmajna lill-MEPA bid-dettalji ta' sid l-art sabiex tobbligah ittellgħa iċ-ċint.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nerġgħu niktbu lill-MEPA u r-risposta li nirċievu mingħand il-MEPA ninfurmah lir-residenti bijha.

3.7 **<u>IKIDS Project and a free 7" Android Tablet (35/1003/13/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsilliera illi bhal ma għamilna is-sena ta' qabel ser jerġgħa jsir il-kors tal-IKIDS għall-prezz ta' €1150.00. Huwa kompla jgħid illi din is-sena l-kumpanija TCTC qed toffri *tablet* b'xejn lill-Kunsill jekk nikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-kors u l-Kunsill qabel ukoll li jekk ikun possibli nirranġaw mat-TCTC biex minflokk 7" tablet inġibu 10" tablet u nħallsu d-differenza.

3.8 **<u>Representation PA/00722/13 Kiosk fil-Bajja San Tumas (35/0990/13/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jgħid illi peress fil-laqgħa preċedenti ma stajniex ngħaddu komunikazzjonijiet minħabba li kienet l-aħħar seduta tas-sitt leġislatura u kienet daħlet din l-applikazzjoni sabiex issir emenda fil-permess li kellu preċedenti allura sabiex il-Kunsill ma jaqbiżx il-21 ġurnata tal-appell, huwa kien tefa l-oġġezzjoni tiegħu biex ikun f'posizzjoni li jissottometti aktar kummenti fil-futur.

Is-Sindku qal illi peress li l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ser jkun responsabbli mill-ambjent allura huwa jista jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar qal illi f'dan il-każ kulħadd jista jara fuq is-*site plan* l-emendi li qed jitlob u kullħadd jistgħa jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu. Huwa kompla jgħid li huwa tal-opinjoni illi nistiednu lis-Sid tal-Kiosk flimkien mal-Perit tiegħu sabiex jattendu għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss ħalli jkunu jistgħu jispjegaw iktar aħjar l-applikazzjoni sottomessa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lil Sid il-Kiosk flimkien mal-Perit tiegħu sabiex jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ħalli jispjegaw aħjar il-proposti tagħhom. Il-Kunsill qabel ukoll illi jkun preżenti l-Perit tal-Kunsill.

3.9 **<u>Xogħol fil-Batterija Rihama:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi ser titellgħa Esebizzjoni ta' l-Armi Medjavali fid-daħla ta' dan is-sit u kienu qed jitolu l-għajnuna tal-Kunsill peress li kellhom bżonn iġibu ħajt fuq il-fil u jsir xi tibdil fit-tieqa u fil-bieb fejn ġabu stima li tammonta għal €1000.

Huwa qal illi sabiex ma titħallasx din l-ispiża bagħtna l-ħaddiema li għandna assenjati magħna tal-ETC sabiex jagħmlu xogħol tat-tindif filwaqt għax-xogħol infrastrutturali kien qed jipprova jġib l-għajnuna tas-Sur Rennie Scicluna li huwa il-kerrej tal-art tal-madwar u li kien lest li jagħti daqqa t'id.

3.10 **Bella Vista parking:**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi minn mindu infetaħ il-*family park* il-problema tal-parkeġġ żdiedet u kien kellem lis-CEO sabiex jinfetaħ iktar spazju sabiex tissolva l-problema.

Rigward it-talba għax-*short stay parking* il-Kunsill qabel unanimament illi ma jistax jilqa din it-talba għal istess raġunijiet li iddeċieda fuqhom f'artiklu 3.5.

3.11 **Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita`:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi skond kif titlob il-liġi qed iressaq il-mintui tal-laqgħa pubblika għal din is-seduta biex jieħu azzjoni fuq xi kummenti jew ilmeti. Ġie nnotat pero` li ma kienx hemm ilmenti jew suġġerimenti.

3.12 **Cirkulari 01/2013 – Cola Adjustments for Public Service Contarcts:**

Is-Segretarju ppreżenta din iċ-ċirkulari li nħarġet li tirregola t-talba għal żidiet fil-kuntratti pubbliċi minn sena għal oħra fil-każ biss ta' *tenders* fir-rispett ta' rati fis-siegħa jew kull ġurnata.

3.13 **Charging Points (35/1188/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi t-TM ma laqgħatx it-talba sabiex jkun hemm parkeġġi riservata quddiem residenzi biex jsiru *charging points*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irrefera li l-Kunsill kien pero` applika sabiex il-lokalita` ta' Marsaskala jkollha 3 postijiet pubbliċi bħala *"Public access charging points"* kif kienu għamlu ftit lokalitajiet wkoll.

3.14 **Misura 125:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi minflok il-*patching* f'dan l-isqaq li huwa magħruf bħala tal-Mozz jsir bil-*hot asphalt* ser isir bil-konkos u dan ġie deċiż mil-Perit tal-Ministeru wara li kienet saret laqgħa fuq il-post. Il-Kunsill se jkun limitat li jagħmel diversi interventi f'din it-triq li ma tistax issir kollha pero`.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.15 **Bexx ta' siġar tal-palm (35/1058/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-kommunikazzjoni qed tgħidilna illi skond l-att dwar il-kwaratina tal-pjanti A.L 42 tal-2009, l-bexx tal-palm suppost issir kull xaharejn u fuq il-palm kollhu. Huwa żied jgħid li kellem lill-Dr Cuschieri tal-ELC fejn qal li jekk il-bexx isir kull xaharejn l-ispiża tkun ħafna kemm għal-Kunsill u kemm għalihom, filwaqt li huwa mpossibli li ssir Malta kollha b'din il-frekwenza.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk jistgħax jinxtara bexx li ma jqumx ħafna flus.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li bexx wieħed biss hemm disponibbli u hu mar personalmet jixtrih u dan iqum il-flus.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lid-Dipartiment għar-regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-pjanti fejn ninfurmahom illi l-kuntrattur tagħna ser jikkomunika personalment magħhom hu.

3.16 **Soċjeta Maltija tal-Ortikultura (35/1278/13/I):**

Is-Sindku qal li din is-sena ser terġa issir il-wirja bl-isem *the great spring show* fejn qed jitolbu li l-Kunsill jippreżenta qoffa f'isem il-Kunsill jew inkella jibgħat ċekk ta' €23.30 biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb li jagħmlu waħda għan-nies tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jieħux sehem.

3.17 **Tablet lill-Kunsilliera (35/1281/13/I):**

Is-Sindku qal li is-Sur Ray Abela tat-TCTC kien qed jissuġġerixxi illi jinxtara tablet lill-Kunsilliera. Huwa qed joffri tablet ta' 8" għal-prezz ta' €175.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jinxtrawx.

Il-Viċi Sindku ħeġġet il-Kunsilliera sabiex jgħamlu *like* fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill.

3.18 **Korrispondenza dwar tisqija tal-ilma fi Triq il-Batterija taż-Żonqor:**

Is-Sindku spejga illi r-residenti ta' Triq il-Batterija taż-Żonqor kienu ħadu l-inizjattiva illi bejn iċ-ċint u l-għalqa kienu tefgħu l-ħamrija u żergħu l-pjanti u qed jitolbu l-Kunsill sabiex il-kuntrattur tagħna jsaqqi dawn ix-xtieli.

Saret diskussjoni jekk din il-biċċa għalqa hijiex privata jew le, fejn instab li x'aktarx li hija pubblika.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistaqsu lill-ELC jekk jistax issaqqi dan il-ħawt meta jkun qed isaqqi f'din l-akwata.

3.19 **Get Healthy Roadshow 2013 (35/1363/13/I):**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi fit-22 ta' Ġunju 2013 ser titella din l-attivita` quddiem l-knisja flok id-dgħajjes biex jippromovu *healthy eating* u dan ser jsir bla ħlas. Is-Sindku talba lill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri sabiex jieħu ħsieb li jitwaħħal riflettur għal dan l-avveniment.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-attivita`.

3.20 **Papri mejta fil-Magħluq:**

Is-Sindku qal illi daħlilna lment illum stess fejn kellna żewġ papri rraportati mejta fil-magħluq fejn tawna email fejn għandna ninfurmawhom meta jkollna xi lment.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-MEPA sabiex jgħidulna minn huwa responsabbli mill-Magħluq minħabba li d-Direttur tal-*Animal Welfare* kien qed jitlob sabiex il-Kunsill jappoġġja l-intervent li kienu qedgħin jiġu proposti mil-istess direttorat biex dawn il-papri jitneħħew mil-Magħluq u jkunu rilokati għal post aħjar.

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li dawn il-papri jiġu rilokati.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi fl-iskeda tal-pagamenti Nru 2 il-pagamenti numri 13, 39, 40, 41 u 42 ġew ikkanċellati peress illi skond kif spjega s-Sindku l-Kunsill iħallas biss meta l-proġetti jiġu aċċettati.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna konna diġa għaddejna fl-laqgħa illi l-Kunsilliera għandhom jiġu nfurmat qabel ma tiġi ssottomessa l-applikazzjoni. Huwa kompla jgħid illi l-applikazzjonijiet li għandhom jiġu sottommessi għandu ikunu ikkonċernati fuq il-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa li għandna ngħamlu avviż fin-*notice boards* għal dawk iż-żgħażagħ li jkunu nteressati illi jieħdu sehem fuq proġetti barra minn xtutna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi minflokk ngħamlu avviżi fin-*notice boards* għandna nibgħatu email lil kull minn għandu l-email irreġistrata magħna u ngħidluhom illi żgħażagħ bejn is-16 u t-30 sena li huma nteressati illi jieħdu sehem fi proġetti barra minn xtutna għandhom jibgħatu email bl-informazzjoni tagħhom.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa fuq pagament numru 58 tal-Enemalta.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi din titħallas kull sena għal-update tad-database tal-lokalita` ta' Marsaskala biex tinkorporha fiha l-bozzoz ġodda kollha li jkunu saru.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta invoice u nforma lill-Kunsilliera illi l-pagament tas-Sur Ronald Bezzina rigward il-knis għax-xahar ta' Marzu l-eks Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett għamel rimarka illi fid-29 ta' Marzu 2013 tlett ħaddiema biss iffirmaw minflokk erba.

Il-Kunsillier qabel unanimament illi jitħallas dan il-kont.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta *invoice* tas-SIT Foundation rigward il-proġett tal-Miżura 313 u l-Kunsill kien qabel li jqabbad lis-Sur Causon sabiex jniedi l-applikazzjoni u jgħamel il-preparamenti tat-*tenders* ikkonċernati mal-Miżura 313 li tinvolvi *family park* fil-ġnien ta'San Tumas. Huwa kompla jgħid illi wara l-Kunsill kien iddeċieda illi joħroġ tender tal-*Project Manager*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħallsu lis-Sur Causon rigward ix-xogħol li kien għamel.

4.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagamenti numri 23, 24 u 25 jekk il-*compactor* hux qed nikruh ta' spiss.

Is-Seregarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ħaddiema sabuħ tajjeb ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġġerixxa illi nġibu kwotazzjoni tal-*compactor* biex jekk jaqblina, nixtru wieħed minflokk nikruh.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġibu kwotazzjonijiet.

4.6 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagamenti nru 117 tal-Latrini pubbliċi jekk dawn ġewx iċċekjati.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi dawn tħallsu skond ir-rati fil-kuntratt.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera illi l-latrina ta' Pjazza Dun Tarċis Aguis għanda bżonn tibqa tiftuħa sat-8.00pm mit-Tnejn sal-Ħamis.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa kemm hi r-rata li ssottometta fit-*tender* biex il-latrini jibqgħu miftuħa għal iktar siegħat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi r-rata hija ta €12.86 għal-latrini kollha kull siegħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-latrini kollha mill-15 ta' April 2013 sal-31 ta' Mejju 2013 għandhom jiżdied il-ħin kif ġej.

Mill-Ħadd sal-Ħamis tiżdied siegħa kulljum u l-Ġimgħa u s-Sibt jiżdiedu sagħtejn.

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet.**

5.0 **Responsabiltajiet lill-Kunsilliera:**

Is-Sindku beda jaqra r-responsabiltajiet lill-Kunsilliera.

**Responsabiltajiet tas-Sindku:**

Finanzi, Relazzjonijiet Pubbliċi, Ordni Pubblika, Indafa Pubblika, Anzjani, Saħħa, Persuni b'diżabilita`.

Proġetti kapitali u nfrastruttura (assistit mill-Kunsillier Charlot Cassar u mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri).

Kunsill taż-żgħażagħ iffurmat min-naħa tal-Aġenzija żgħażagħ (assistit mill-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri.

Tim tad-Douzelage Town Twinning Organization.
Sindku bħala Viċi President tal-Organizazzjoni, is-Sur Mark Causon bħala konsulent tal-Kunsill, Viċi Sindku Desiree` Attard ser tkun qed tikkorispondi mas-Segretarjat tad-Douzelage u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.

**Responsabiltajiet tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard:**

*Update* tal-*website u facebook*, Affarijiet Rurali (GAL), proġetti relatati mal-EU, rivista tal-Kunsill flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri

**Responsabiltajiet tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud:**

Edukazzjoni, familja u ħarsin tal-annimali.
Kordinament sħiħ mal-librara biex wieħed jara x'hemm bżonn kotba fil-librerija tagħna.
Kordinament sħiħ mas-Surmast tal-Iskola.
Klassijiet filgħaxija biex wieħed ikisser l-illiterriżmu.
Lezzjonijiet tal-Malti għal dawk l-barranin interessati li jitgħalmu l-bażi tal-Malti.
Użu sewwa miċ-ċentru tal-edukazzjoni/kultura.
Kordinament biex jibqu jsiru l-lezzjonijiet tal-kompjuter.
Kordinament mal-*animal welfare* biex wieħed isolvi l-problema tal-annimali jiġġerrew barra.

**Responsabiltajiet tal-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar:**

Kultura u Attivitajiet Soċjali
Kordinament mas-Sur Alfred Debono

**Responsabiltajiet tal-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar:**

Ambjent, ġonna pubbliċi u *playing flieds* u analiżi tas-sejħiet għall-offerti qabel u wara li jinġabru mill-offerenti.

**Responsabiltajiet tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri:**

Żgħażagħ u sports flimkien ma' faċilitajiet sportivi flimkien ma' *healthy living*.

**Responsabiltajiet tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri:**

Enerġija, Wirt Storiku, Faċilitajiet sanitarji u rivista tal-Kunsill flimkien mal-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard.

**Responsabiltajiet tal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar:**

Maniġjar tat-traffiku, transport pubbliku, turiżmu u marittimu li jinkludi attivitajiet fuq il-baħar u negozzjanti żgħar.

**Responsabiltajiet tal-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt:**

Ġemellaġġ mal-Qala Għawdex, tabelli u sinjali, għaqdiet u kumitati non governattivi, *friends of Marsaskala*, ħaddiema tal-IPSL u ETC u *updates tan-notice boards* kull ġimgħa.

## 6.0 *Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjoni:*

### 6.1 KLM 2013/01 - Service Tender for Project Manager Measure 313 Leisure Park in Rural San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-minuti tal-bord tal-aġġudikazzjoni fejn hu spjega illi ma setax ikun preżenti f'din il-laqgħa minħabba konflitt ta' interess.

| | Kuntrattutr | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Perit Aaron Abela | €8,400.00 |
| 2. | Design & Technical Resources Ltd | €10,266.00 |
| 3. | Perit William Lewis | €6,483.49 |

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fil-minuti hemm iniżżel illi l-bord qabel illi fil-kuntratt jitniżżel illi l-Perit irid ikun disponibbli 24 siegħa, huwa qal li fit-tender li kien inħareġ ma kienetx imniżżla u allura ma tista tgħamilha fil-kuntratt.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma tistax tiġi mplimentata din il-kundizzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tiġi aġġudikata lill-Perit William Lewis peress li huwa kien l-orħos offerent u kien *technically and administravely compliant.*

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni ta' din l-offerta u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet.**

### 6.2 MLC 02/2013 - Cleaning of Council Premises and Other Premises.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillier illi żewġ offerenti illi issottomettew l-offerta tagħhom ma niżżlux l-informazzjoni tagħhom u għaldaqstant ma setgħux jiġu kunsidrati.

| | Kuntrattutr | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | No name submitted | €5.80 |
| 2. | SAS Cleaning Services | €5.98 |
| 3. | Nightingale Solutions Ltd | €9.50 |
| 4. | Joseph Bonello | €8.49 |
| 5. | Cleanmaster Co.Ltd | €6.95 |
| 6. | Yorick Mallia | €8.00 |
| 7. | No name submitted | €15.75 |
| 8. | TF Services Ltd | €6.49 |

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tiġi aġġudikata lil SAS Cleaning Services peress li huwa kien l-orħos offerent , it-tieni l-orħos offerent huwa TF Services Ltd u t-tielet l-orħos offerent huwa Cleanmasters Co.Ltd

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ppropona l-approvazzjoni ta' din l-offerta u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet.**

## 7.0 *Mistoqsijiet:*

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

## 8.0 Mozzjonijiet:

**8.1 Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#001-1/04/13):**

*"Jipproponi sabiex issir bozza ġdida fi Trejqa f'Bajja San Tumas."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

**8.2 Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#002 – 5/04/13):**

*"Jipproponi sabiex issiru 2 bozoz ġodda San Tumas ħdejn ir-ridott."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

**8.3 Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#003 – 5/04/13):**

*"Jipproponi sabiex issir bozza San Tumas ma' arblu indikat."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

**8.4 Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John Baptist Camilleri (#004 – 8/04/13):**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jitlob laqgħa fuq il-post mad-diriġenti ta' Transport sabiex tiġi studjata bis-serjeta x'miżuri jistgħu jittieħdu sabiex jiġi ikkontrollat aħjar it-traffiku fi Triq il-Qaliet. Isir abbuż ta kuljum kemm min trakkijiet kbar li jkunu telgħin min naħa tal-Waterline u sewqan eċċessiv in-naħa ta' Villa Sant Anna lejn il Bajja ta San Tumas. Diġa kelna ħafna aċċidenti koroħ f'din il-biċċa u naħseb li jekk mhux ħa ssir xi tip ta' miżura ħa jkolna xi traċedja."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.0 *Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:*

9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera tal-attivitajiet li ser jsiru.

| | |
|---|---|
| 2 ta' Mejju 2013 | *Clean up* ġewwa San Tumas |
| 5 ta' Mejju 2013 | Quddies lill-Kunsilliera ġewwa Dar Jacoba |
| 2 ta' Ġunju 2013 | Attivita` għaż-żgħażagħ organizzata mis-Sedqa quddiem Grabiel rigward il-ġlieda kontra d-droga. |
| 1 ta' Ġunju sal-15 ta' Ġunju 2013 | Tneħħija tad-dgħajjes mis-simenta ta' quddiem il-Knisja |
| 13 ta' Ġunju 2013 | Ħarġa għal-Għawdex |
| 22 ta' Ġunju 2013 | *Get Healthy* Road Show |
| 28, 29 u 30 ta' Ġunju 2013 | Villaġġ Tuneżin li ser jiġi amalgamat ma Arti fil-beraħ |
| 21 ta' Lulju 2013 | Lejla Agrarja |

9.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri informa lill-Kunsilliera illi il-kors tal-*first aid* beda.

## 10.0 *Aġġornament:*

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fil-10.35p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2013 fis-6.30pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku